# LECTIO DIVINA

# IR-RABA' ĦADD TAR-RANDAN (Ċ)

**Lq 15,1-3.11-32**

**«Il-pubblikani u l-midinbin kienu jersqu bi ħġarhom lejn Ġesù biex jisimgħuh.»**

Ġesù jiġi mfittex minn dawk li jagħrfu li ġie għalihom: «Mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda. Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema.» (*Lq* 5:31-32). L-għażla preferenzjali tal-Messija hi fl-aħħar mill-aħħar għażla ta' mħabba lejn il-bnedmin kollha: «Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla» (*Rum* 3:23). Huwa l-bniedem innifsu li "jiddiskrimina" lilu nnifsu jekk ma jagħrafx il-verità tad-dnub tiegħu u ma jisseħibx f'din il-mixja *lejn* Ġesù. Fi Kristu, Alla jfittex lill-bniedem mistoħbi u mitluf minħabba d-dnub (cfr *Ġen* 3:8) sal-punt li hu stess jingħata f'idejn il-midinbin għall-fidwa tagħhom (cfr *Mt* 26:45-46).

**U kemm il-Fariżej u kemm il-kittieba kienu jgemgmu u jgħidu: «Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol magħhom!»**

L-atteġġjament tal-bniedem li jirrifjuta lil Kristu bħala s-salvatur tiegħu huwa t-*tgemgim*. Hija r-reazzjoni ta' min *jirribella* kontra Alla għax ma jafdax fiH. Il-poplu Lhudi fid-deżert spiss waqa' fit-tentazzjoni li jgerger kontra l-Mulej u kontra Mosè huwa u jibki ż-żmien meta kien fil-jasar! (cfr *Num* 11:4-6; *Dt* 1:27; *Eż* 16:8; *S* 78). Igerger min jaħseb li jifhem aktar minn Alla u jippretendi li għandu jgħallem lil Alla kif għandhom ikunu l-pjanijiet Tiegħu. Għalkemm kienu esperti fil-ħwejjeġ ta' Alla u tal-Liġi tiegħu, il-Fariżej u l-kittieba kienu waqgħu f'reliġjożità superfiċjali li wasslithom biex jgħixu f'gidba: «huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn» (*Mt* 23:3; cfr *Lq* 12:1). Huma jaslu biex jistrumentalizzaw it-tbatija tal-persuni biex jonsbu lil Ġesù (cfr *Lq* 6:7), bħal donnhom ma jaċċettawx li l-pubblikani u l-midinbin jirċievu daqstant imħabba u attenzjoni – f'qalbhom tidħol l-għira li twassal għall-mewt (cfr *Għerf* 2:24) li toħloq fil-bniedem stat li fih mhux kapaċi japprezza d-doni ta' Alla u allura kontinwament igemgem kontra ħuh u kontra Alla: «Ma nistax nagħmel li rrid bi ħwejġi jien?

Jew qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba? Hekk tal-aħħar jiġu l-ewwel, u tal-ewwel jiġu l-aħħar.» (*Mt* 20:15-16).

**U Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola: «Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied.»**

Ġesù *jersaq* kemm lejn il-*pubblikani u l-midinbin* kif ukoll lejn il-*Fariżej u l-kittieba* permezz tal-parabbola. Ħadd mhu iben waħdu – imma hu wkoll *ħu* iben ieħor tal-Missier. Alla hu l-Missier li «jtalla' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex» (*Mt* 5:45): kull bniedem huwa *ibnu*. L-ebda iben ma jista' jgħix il-*filjolanza* mingħajr ma jħaddan ukoll id-dimensjoni tal-*fraternità* (cfr *1Ġw* 4:20); u ma nistgħux nistqarru l-*paternità* ta' Alla jekk mhux fil-plural: «Missierna» (*Mt* 6:9).

**Iż-żgħir qal lil missieru: "Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid."**

L-Iben isejjaħ lil «Missier» biex jappella għad-drittijiet tiegħu: hu jara lil Missier bħala dak li għandu jagħtih. Il-Missier ma jiċħadx milli jisma' t-talba ta' min għandu idea tant fqira u ridotta tal-paternità tiegħu (cfr *Mt* 6:32; *Lq* 11:10). Saħansitra jekk għall-iben il-Missier jitqies bħala *diġà mejjet* (cfr *Sir* 33:20-24). L-iben iqis li jista' jikseb il-*ġid* («τῆς οὐσίας»: tr. *ousias* – affarijiet li wieħed jippossedi) billi jinfired mill-Missier u ma jagħrafx li s-sehem għal qalbu, il-wirt u x-xorti vera tiegħu jinsabu propju fl-għaqda mal-Missier (cfr *S* 16:5-6).

**U dak qassmilhom il-ġid.**

Il-Missier ma jagħtix sempliċiment l-oġġetti imma jagħti l-istess ħajja tiegħu lil uliedu (gr. «βίος», tr. *bios*). Filwaqt li l-iben jimxi skont il-loġika tad-drittijiet, il-missier jimxi skont il-loġika tal-gratwità, ta' dak li jagħti kollox: «Hu, li anqas lil Ibnu stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll, kif ma jagħtiniex ukoll kollox miegħu?» (*Rum* 8:32).

**Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed, u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra.**

L-*għaġġla* tal-bniedem li ma jirriflettix twasslu biex jasal għal konklużjonijiet żbaljati: l-iben iħossu skjav u allura jaħseb li s-soluzzjoni tal-problemi ser tinstab f'li jitbiegħed mid-dar ta' Missieru. Għalhekk jeħtieġ li wieħed jgħarbel sew lilu nnifsu qabel jasal għal deċiżjoni: «Meta jheżhżu għarbiel jibqa' fih l-iskart, hekk ukoll min jgħarbel lilu nnifsu jagħraf ħżunitu.» (*Sir* 27:4).Fl-*iben iż-żgħir* naraw l-effett tad-dnub fuq il-bniedem wara l-waqgħa: il-bniedem

isibha bi tqila biex jagħraf lilu nnifsu bħala *iben* u għalhekk jissuspetta li Alla jifgalu l-opportunità li jirrealizza lilu nnifsu. It-tentatur jibqa' jfesfes fil-widnejn id-dubju fuq it-tjubija tal-Missier: «Imma Alla jaf li dakinhar li tieklu minnu jinfetħu għajnejkom u ssiru bħal allat, li jafu t-tajjeb u l-ħażin.» (*Ġen* 3:5). Biss imbiegħed mill-Missier l-iben jispiċċa biex *jitlef* kollox: «Min mhuwiex miegħi, huwa kontra tiegħi; u min ma jiġborx miegħi, ixerred.» (*Mt* 12:30); jispiċċa *jaljena ruħu* minnu nnifsu – il-«pajjiż imbiegħed» mhuwiex biss post ġeografiku imma anki eżistenzjali (cfr *Ġen* 4:14; *Prov* 27:8; *Is* 29:13). Imbiegħed u mifxul, l-iben għandu relazzjoni marida miegħu nnifsu u mal-ġid hekk li ma jużahx b'mod għaqli sabiex *jinvestih fl-imħabba*. Id-dixxiplu jrid jagħti ġidu kollu (*Mk* 10:31; *Lq* 14:33) – imma dan għandu jagħmlu għall-imħabba ta' Kristu (cfr *Mk* 12:44; *Lq* 21:4) u mhux jitlef, iberbaq kollox minħabba ħajja diżordinata fejn wieħed ifittex li jissodisfa lilu nnifsu: «U jiena ngħidilkom, agħmlu għalikom infuskom ħbieb ta' qligħ il-ħżunija, ħalli meta jonqoskom, jilqugħkom fl-għerejjex ta' dejjem.» (*Lq* 16:9; cfr *Lq* 9:24-25).

**Meta ħela kulma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir u beda jħoss ruħu fil-bżonn [...] daħal ma' wieħed [...] li bagħtu jirgħa l-ħnieżer.**

Dak li ħaseb li xħin joħroġ mid-dar ma kienx ser jibqa' jħossu skjav, fil-fatt jispiċċa skjav trattat agħar mill-ħnieżer. Hu jispiċċa fil-post imniġġes, post l-ispirti ħżiena (cfr *Lev* 11:7; *Dt* 14:8; *Lq* 8:32). Dan l-istat ta' *umiljazzjoni* jisfida lill-iben għal xi tip ta' reazzjoni: tista' tkun ir-*rassenjazzjoni*, id-*delużjoni*, ir-*rabja lejh innifsu*, id-*disperazzjoni*, jew it-*tama ta' salvazzjoni*. L-*umiljazzjoni* twassal għall-umiltà li ssalva jekk tinħema fil-kuntest tar-relazzjoni mal-Missier, jekk l-*iben* jiftakar fil-Missier. Hekk id-dixxiplu meta jmiss il-qiegħ, jista' jibda proċess ta' ritorn jekk jiftakar li Ġesù b'mewtu qered «is-setgħa ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jiġifieri x-Xitan»(*Lhud*2:14-15).

**Imbagħad daħal fih innifsu u qal: "Kemm lavranti..." "Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu: Missier, dnibt konta s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek." Qam, u telaq għal għand missieru.**

Il-*motivazzjoni* li tmexxi lill-*iben* hija n-"nostalġija" tal-ħajja komda u ż-żaqq mimlija fid-dar tal-missier. Aktar milli xi *sogħba tal-qalb* hemm il-*brim ta' stonku vojt*. Biss dan hu l-ewwel pass minn proċess. L-*iben* ammetta li din tiegħu ma kinitx ħajja tajba u jifhem li l-*bżonnijiet* tiegħu għandu jressaqhom lil missieru, anki jekk dan ifisser *jerġa' lura*. L-*iben* għad fadallu

mixja twila quddiemu biex jagħraf tassew min hu l-missier: s'issa għadu dak li jipprovdilu għall-bżonnijiet tiegħu. Ma jifhimx li l-identità tiegħu ta' iben ma tiddependix mill-għemejjel tiegħu: «Ibni int, jien illum nissiltek» (*S* 2:7). Għadu marbut mal-ideat u l-iskemi tiegħu tant li jiddeċiedi hu x'ser tkun il-*penitenza* li ser jingħata. Il-mixja tal-konverżjoni titlob li wieħed dejjem aktar «jiċħad lilu nnifsu» (*Mk* 8:34), jiċħad ir-rieda tiegħu u l-mod kif jipprova jikkontrolla kull sitwazzjoni ta' ħajtu biex iħalli lil Missier iħaddnu miegħu, isalvah, iħobbu, jifdih. Irid jintreħa f'idejn il-Missier: *"Missier, f'idejk nintelaq jiena; agħmel minni dak li jogħġbok. Niżżik ħajr għal dak kollu li tagħmel bija. Jien lest għal kollox; nilqa' kollox. Agħmel biss li r-rieda tiegħek isseħħ fija u fil-ħlejjaq kollha tiegħek..."* (Beatu Charles de Foucauld).

**Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru**

Il-Missier qatt ma jieqaf ifittex lil ibnu (cfr *Ġen* 3:9; *S* 139). Il-ħarsa tiegħu mhix hemm biex tikkontrolla imma biex issalva – hija ħarsa li twassal għall-kompassjoni (gr. «σπλαγχνίζομαι», tr. *splachnizomai*), li tqanqal lil Alla *"mill-ġuf"*, li jħoss għal uliedu aktar minn kemm tista' tħoss omm (cfr *Is* 49:14-16; *Ġer* 31:20ff; *S* 27:10; *Ħos* 11:8). Din hija l-*passjoni* ta' Kristu, is-Samaritan it-Tajjeb, għall-midinbin (cfr *Lq* 10:33; 7:13). Qabel nibdew infittxuh aħna, hu jkun dejjem qed ifittixna u ma jiqafx sa ma jsibna (cfr *Lq* 15:4.8).

**u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu.**

Dak li suppost jagħmel l-iben sogħbien, jagħmlu l-missier ma' ibnu li offendih. Li *tinxteħet fuq l-għonq* hija espressjoni ta' rikonċiljazzazzjoni (cfr *Ġen* 33:4; 46:29); hi t-tgħanniqa fil-ħniena u t-tjieba tal-Missier (cfr *S* 103:4). Il-*bewsa* wkoll hija espressjoni ta' mħabba li taħfer (cfr *2Sam* 14:33). Il-midneb li fih Alla kien nefaħ in-nifs tiegħu (cfr *Ġen* 2:7), issa – fil-ħolqien ġdid – jitwieled mill-ġdid bil-grazzja tal-«Awtur tal-ħajja» (*Atti* 3:15).

**It-tifel qallu: "Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek." Iżda l-missier qal lill-qaddejja tiegħu: "Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu... U għamlu festa.**

Il-missier bilkemm iħalli lil ibnu jistqarr ħtijietu. Quddiem l-esperjenza sorprendenti tal-imħabba l-iben ma jagħtix lilu nnifsu l-kastig: dak li jkun *lavrant*. Minflok il-missier jagħtih il-*libsa* li turi d-dinjità filjali tiegħu, l-għożża tal-missier lejn ibnu (cfr *Ġen* 9:4) – il-libsa hija Kristu, l-Iben il-Waħdieni, li fiH aħna lkoll ulied il-Missier (cfr *Kol* 3:10; *Rum* 13:14; *2Kor* 5:4);

iċ-*ċurkett* li juri dik l-*awtorità* tal-iben afdat (cfr *Ġen* 41:42; *Est* 3:10; *Ġak* 2:2)li jġorr fuqu s-siġill tal-imħabba tiegħu (cfr *Għan* 8:6); is-*sandli* sinjal tan-nobiltà u familjarità ta' min imdaħħal fl-għaqda u l-familjarità ta' Alla (cfr *Ġw* 10:30); l-*għoġol imsemmen* li hu «l-Ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu» li l-għotja tiegħu hija l-bidu tal-«festa» għall-mifdija (cfr *1Kor* 5:7-8). Hija l-festa tal-*ħolqien ġdid* li d-dixxiplu diġà jiċċelebra fuq din l-art fl-istennija tal-festa tat-tieġ tal-Ħaruf (cfr *Apok* 9:7; *Laudato Si'* 236-237).

**Mela ibnu l-kbir kien fl-għalqa...**

L-«għalqa» (gr «ἀγρός», tr. *agros*) fl-Iskrittura hija l-post lejn fejn jiġi mkeċċi Adam wara l-waqgħa (cfr *Ġen* 3:17-19); il-post fejn jaħdem Kajjin (cfr *Ġen* 4:4). Huwa għalhekk spazju tal-bniedem maqtugħ mill-Missier.

**Hu nkorla, u ma riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu jidħol.**

Il-qalb ħanina tal-missier tidher anki lejn l-iben il-kbir tant li anki hawn jinbidlu l-irwoli u *jissupplika* (gr. «παρακαλέω», tr. *parakaleo*) lil ibnu. Il-missier «joħroġ» biex jiġbor lil uliedu kollha għall-festa.

**Iżda hu qal lil missieru: "Ara, ili dawn is-snin kollha naqdik... Imbagħad jiġi dan ibnek...**

Minkejja li kien fiżikament id-dar ma' missieru, il-«πρεσβύτερος» (tr. *presbuteros*) ma kienx jgħix ta' iben – ma kienx jaf min hu missieru. Hu jqis lilu nnifsu *skjav* (gr. «δουλεύω», tr. *douleuo;*) u mhux bħala *iben* (gr. «τέκνον», tr. *teknon*): għadu f'relazzjoni ta' *biża'* li twassal għall-isterilità u mhux ta' *mħabba* li twassal biex tagħti l-frott: «Sinjur, lilek nafek bħala raġel aħrax, taħsad fejn ma żrajtx u tiġbor fejn ma xerridtx. Bżajt, u mort ħbejt it-talent tiegħek fl-art.» (*Mt* 25:24-25); jirrelata ma' *liġi impersonali* u mhux ma' *Persuna* li tirrivelalna l-ħajja intima tagħha: «Ma nsejjħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb [gr. «φίλος», tr. *philos*), għaliex kulma smajt mingħand Missieri jiena għarraftulkom.» (*Ġw* 15:15). Filwaqt li l-*iben iż-żgħir* għadda mill-umiljazzjoni għar-rikonċiljazzjoni mal-Missier, tidher aktar diffiċli li l-*iben il-kbir* iwieġeb għall-umiljazzjoni billi jibda proċess ta' konverżjoni biex jintebaħ li kulma hu tal-Missier huwa tiegħu (v. 31) u hekk jidħol għall-festa. Fuqu tagħfas l-għażla bejn li jkun *iben maħfur maħbub* jew *skjav inkurlat mitluf*, jekk ikollux *qalb tal-laħam* imfejqa mill-grazzja tal-maħfra jew *qalb tal-ġebel* marida għall-mewt, jekk hux ser iħalli lil Missier *jikteb u jissiġilla l-imħabba tiegħU f'qalbu* jew hux

ser *iwebbes qalbu* għall-ħelsien li joffrilu l-Missier bl-għotja ta' Ibnu l-Waħdieni (cfr *Ġer* 31:31-34). F'idejh jidħolx fil-festa tas-salvazzjoni u fl-esperjenza ta' ħuh:

**«[...] kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!"»**